MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1117/1993/1

**Mario Baldacchino, fil-kwalità tiegħu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Lawrence Schembri**

**Vs**

**Catherine mart Joseph Micallef minnhu assistita, Alfred Schembri f'ismhu proprju u bhala mandatarju ta' huh assenti Victor Schembri, Joyce mart Lawrence Gatt minnhu assistita, Marlene mart Francis Farrugia minnhu assistita, Anthony Schembri, Leonard Schembri u Mark Schembri ilkoll ulied il-mejjet Victor Schembri u Joseph Schembri, Lina mart Joseph Grixti minnhu assistita u Rita Bugeja**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, fil-kwalità tieghu premessa, wara illi ppremetta illi l-attur b'testment tad-9 ta' Lulju 1987 pubblikat min-Nutar Herbert Cassar gie nominat esekutur tal-mejjet Lawrence Schembri; illi l-attur kellhu fil-pussess tieghu l-oggetti indikati fl-annessa lista Doc A appartenenti l-wirt tal-imsemmi Lawrence Schembri liema oggetti kienu fil-fond numru 111, St. Vincent Street, Sliema; illi Victor Schembri (illum mejjet) awtur tal-konvenuti klandestinament u kontra l-volontà tal-istanti, flimkien mal-konvenut Alfred Schembri u persuni ohra, sgassa l-bieb tal-fond fuq imsemmi, biddel is-serratura u ittrasporta l-oggetti kollha li kien hemm f'post mhux maghruf; illi l-attur b'citazzjoni prezentata quddiem dina l-Qorti (Citaz Nru 1049/89 VCC) fl-ismijiet "Mario Baldacchino vs Victor Schembri" talab illi l-istess Qorti tikkundanna l-konvenut jizgombra mill-fond Nru 111 St. Vincent Street Sliema favur l-attur u jirriprestina kollox kif kien qabel l-isgass u fil-kas li jonqos li jghamel dan l-attur jigi awtorizzat li jghamel dak kollhu li kien mehtieg ghas-spejjes tal-istess konvenut; illi b'sentenza tal-5 t' April 1991 dina l-Qorti laqghet it-talbiet kollha tal-attur u ipprefiggiet lill-konvenut (10) ghaxart ijiem biex jirreintegra lill-attur fil-pussess kif mitlub, b'dan li f'kaz li r-reintegrazzjoni ssir mill-attur kif awtorizzat, kull xoghol isir fil-presenza tal-Marixall ta' din il-Qorti; illi l-konvenut appella u l-Qorti tal-Appell b'sentenza moghtija fid-19 ta' Lulju 1993 cahdet l-appell u s-sentenza appellata giet konfermata, b'dan illi r-reintegrazzjoni mill-konvenuti ghandha ssir sal-31 ta' Lulju 1993, spejjes ghall-konvenuti appellanti; illi b'ittra ufficjali tal-5 ta' Awissu 1993 l-istanti interpella lill-konvenuti biex jirritornaw l-oggetti kollha li hadu kif deskritt fid-Doc A hawn anness izda dawn injoraw kompletament kemm iz-zewg sentenzi fuq imsemmija kif ukoll l-ittra ufficjali mibghuta lilhom; u illi ghalhekk l-attur kellhu jistitwixxi din il-kawza; talab ghaliex dik il-Qorti ma ghandhiex: (1) tikkundanna lill-konvenuti solidament

bejniethom biex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti jirritornaw l-oggetti kollha li hadu mill-fond Nru 111 St Vincent Street Sliema fi stat tajjeb kif kienu; (2) fin-nuqqas tikkundanna lill-istess konvenuti solidament bejniethom biex ihallsu l-valur tal-oggetti fuq imsemmija, li ghandu jigi stabbilit jekk ikun il-kaz b'opera ta' periti nominandi; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Awissu 1993 u tal-Mandat ta' Qbid, Sekwestru, Impediment tal-Partenza kontra Persuna kif ukoll bl-imghax legali talvolta dovuti kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, u l-lista tax-xhieda u elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Schembri u Lina u Joseph konjugi Grixti, ipprezentata fis-sebgha (7) t' Ottubru, 1993, illi permezz taghha eccepew:
1. Preliminarjament illi huma mhumiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza u ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi huma la qatt kellhom u anqas ghandhom xi oggetti appartenenti lill-ereditajiet ta' Victor Schembri jew ta' Laurence Schembri;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Joseph Schembri u Lina u Joseph konjugi Grixti, guramentata mill-istess konvenut Joseph Schembri, il-lista tax-xhieda u n-nota tad-dokument esibit relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti (l-ohra?) kollha, ipprezentata fit-tnax (12) t' Ottubru, 1993, illi permezz taghha eccepew:
1. Il-karenza tal-interess guridiku tal-attur stante li kif jirrisulta mit-testmenti annessi Dok. A, B u C, Lawrence Schembri, li miet fit-8 ta' Mejju, 1989, halla b'eredi universali lill-ohtu Pauline Schembri li mietet fl-1 ta' Lulju, 1990, u li minn naha taghha halliet b'erdi universali taghha lil huha Victor Schembri, li miet fl-4 ta' Frar, 1992 u li halla bhala eredi u prelegatarji lill-konvenuti u halla esekutur

testamentarju lill-ibnu il-konvenut Alfred Schembri. Ghalhekk, bil-passagg tal-pussess tal-eredità lill-eredi a tenur tal-Artikolu 836 tal-Kodici Civili u bil-fatt li l-eredi ta' Lawrence Schembri tramite l-mewt ta' Pauline Schembri u Victor Schembri illum huma l-konvenuti liema eredità ghandha tigi esegwita mill-konvenut Alfred Schembri, l-attur illum ma ghandu xejn x'jesegwixxi ghaliex hemm konsolidazzjoni ta' proprjetà tad-diversi decujus f'idejn il-konvenuti. Fil-fatt l-attur ghadu sallum ma immettix fil-pussess la lill-konvenut Alfred Schembri bhala esekutur testamentarju ta' Victor Schembri u lanqas lill-konvenuti fil-konsistenza tal-assi li ddevolew (*sic*) lilhom mill-wirt ta' Lawrence Schembri u ghalhekk qed issir il-kontro-talba opportuna;

2. Illi l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi huma ma jistghux jigu kundannati ihallsu valur ta' oggetti li f'ebda mument ma hadu huma u ghalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell citata mill-attur a rigward l-ispoll ta' Victor Schembri ma tista' bl-ebda mod tigi esegwita fil-konfront tal-konvenuti. Ghal fini tal-esattezza jinghad illi hadd mill-konvenuti, inklus Alfred Schembri, ma kien presenti fl-okkazjoni tal-ispoll;

3. Illi dakinhar li sar l-ispoll ittiehdu minn terzi oggetti ta' hwejjeg tax-xitwa u papocc tal-mejta Pauline Schembri ghaliex l-attur irrifjuta li jhalliha tidhol f'darha u ma ttiehdu ebda oggetti ta' proprjetà ta' Lawrence Schembri;

4. Fi kwalunkwe kaz kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jirrisulta mill-anness Dok. D konsistenti fid-Denunzja ta' Lawrence Schembri l-valur tal-oggetti denunzjat mill-attur mal-mewt ta' Lawrence Schembri kien ta' Lm777 u ghalhekk bl-ebda mod vicin il-Lm50,000 ikkawtelati bil-Mandati ta' Qbid, Sekwestru u Impediment tas-Safar mahruga fil-konfront tal-konvenut Alfred Schembri;

5. Minghajr pregudizzju fi kwalunkwe kas Lawrence Schembri halla biss arlogg tal-hajt, liema arlogg illum huwa ta' proprjetà tal-eredi ta' Victor Schembri;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni relativa tal-konvenuti, guramentata mill-konvenut Alfred Schembri, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esibiti;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Alfred Schembri bhala esekutur testamentarju tal-mejjet missieru Victor Schembri, id-dikjarazzjoni guramentata relativa tal-konvenut Alfred Schembri u l-lista ta’ xhieda u elenku tad-dokumenti annessi maghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut Alfred Schembri, id-dikjarazzjoni guramentata relativa w l-lista tax-xhieda annessa maghha;

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-tletin (30) ta’ Mejju, 1995 illi permezz taghha giet milqugha it-tieni (2) eccezzjoni preliminari ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut Alfred Schembri u l-attur gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju relativ;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-dsatax (19) ta’ Frar, 1999 illi permezz taghha l-Qorti cahdet it-talbiet ta’ l-attur u ordnat illi l-ispejjez gudizzjarji jhallashom l-attur, hlief dawk tal-kontro-talba ta’ Alfred Schembri, illi jhallashom l-istess Alfred Schembri, u ordnat ukoll illi jibqghu minghajr hsara d-drittijiet ta’ l-attur skond is-sentenza tad-19 ta’ Lulju, 1993, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Is-sentenza imsemmija fuq, moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ April 1991 u konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fid-19 ta’ Lulju 1993, *in re* **Mario Baldacchino *versus* Victor Schembri *et***, inghatat f’kawza ta’ spoll, u tghid illi ‘l-attur bil-pussess tac-cavetta tal-fond *de quo* kellu l-pussess materjali ta’ l-istess fond u ta’ l-oggetti kollha, kienu ta’ min kienu, ta’ go fih.’ L-istess sentenza ordnat lill-konvenuti li jirreintegraw lill-attur fil-pussess materjali tal-fond bil-hwejjeg kollha li kienu fih. Il-konvenuti ma mxewx kif riedet is-sentenza, u ghalhekk l-attur fetah il-kawza tallum li hija, effettivament, talba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kawza ta’ spoll.
“Il-partijiet fil-kawza tallum huma l-istess partijiet fil-kawza li nqatghet fid-19 ta’ Lulju 1993; ghalhekk il-partijiet kollha huma marbuta bis-sentenza tad-19 ta’ Lulju 1993, u din il-

qorti ma tistax terga' tiftah l-indagni dwar il-kwistjonijiet gà maqtugha b'sentenza finali. Ghal din ir-raguni, kemm l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Joseph Schembri u Lina u Joseph Grixti, kif ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra, ma jistghux jintlaqghu.

"L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Joseph Schembri u Lina u Joseph Grixti tghid li ma humiex legittimi kontradditturi f'din il-kawza. Dawn il-konvenuti, izda, kienu parti fil-kawza ta' spoll, u l-kundanna f'dik il-kawza nghatat kontrihom ukoll. Ghalhekk ma jistghux jinhelsu mill-gudizzju relativ ghall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza.

"L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra tghid li l-attur ma ghandux interess fil-kawza tallum ghax il-hwejjeg tal-wirt ta' Lawrence Schembri issa huma taghhom billi huma wirtu lil min wiret lil Lawrence Schembri. Il-konvenuti, izda, ma jistghux jivvantaw drittijiet fuq il-hwejjeg li kienu ttiehdu bi spoll qabel ma jkunu qieghdu ghal kollox fl-istat ta' qabel lill-parti li tkun batiet l-ispoll. Din l-eccezzjoni, ghalhekk, ma tistax iddewwem l-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kawza ta' spoll, u hija michuda.

"It-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti kollha tghid li huma ma kinux parti fl-ispoll. L-ispoll, skond is-sentenza, sar minn Victor Schembri. Dan kien miet qabel ma nghatat is-sentenza u l-kawza tkompliet kontra s-successuri tieghu, il-konvenuti tallum, li, ladarba ma rrinunzjawx ghall-wirt tieghu, huma marbutin bl-obbligazzjonijiet tieghu, ukoll jekk dawn l-obbligazzjonijiet jitnisslu *ex delicto*, bhal dawk li jitnisslu minn spoll. Ghalhekk, ukoll jekk il-konvenuti tallum ma kellhomx sehem fl-ispoll, xorta jridu jwiegbu ghal dak li ghamel l-awtur taghhom. Din l-eccezzjoni wkoll hija ghalhekk michuda.

"L-eccezzjonijiet l-ohra, hlief ir-raba' wahda tal-konvenuti kollha, ighidu li l-konvenuti ma ghandhomx, u qatt ma kellhom, f'idejhom il-hwejjeg li qed jintalab ir-radd taghhom.

"Il-fatt li l-konvenuti llum ma ghandhomx il-hwejjeg f'idejhom jista' jfisser li, jekk ma jistghux jakkwistaw il-hwejjeg biex irodduhom lill-attur, ikollhom ihallsu daqs kemm jiswew, skond it-tieni talba ta' l-attur. Il-konvenuti, izda, qeghdin jghidu li qatt ma kellhom dawn il-hwejjeg f'idejhom ghax dawn il-hwejjeg ma kienux fost il-hwejjeg

ta’ Lawrence Schembri fil-fond ta’ Triq San Vincenz, Tas-Sliema.
“Naturalment, jekk il-hwejjeg li jrid l-attur ma kienux fil-fond fejn sar l-ispoll, ma jistghux jitqiesu li huma parti mill-meritu ta’ din il-kawza, ghax is-sentenza tad-19 ta’ Lulju 1993 tikkundanna lill-konvenuti jroddu biss il-hwejjeg li kien hemm f’dak il-fond meta sar l-ispoll. Prova li l-hwejjeg kienu fil-fond meta sar l-ispoll irid iressaqha l-attur.
“Wara li rat ix-xiehda kemm fil-process tallum kif ukoll dawk fil-process tac-citazzjoni 1049/89, il-qorti hija tal-fehma li lill-attur ma sehhlux li juri li l-hwejjeg imsemmija fil-lista esibita mac-citazzjoni kienu fil-fond ta’ Triq San Vincenz, Tas-Sliema, meta sar l-ispoll. Fin-nuqqas ta’ din il-prova, it-talbiet ta’ l-attur ma jistghux jintlaqghu.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi revokata s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Frar 1999 billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur appellant, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti (*sic*);

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur appellant ipprezentata fit-tmienja (8) ta’ Jannar, 2002;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi ma jirrizultax illi l-konvenuti appellati pprezentaw risposta ghar-rikors ta’ appell ta’ l-attur nomine u illi, inoltre, fil-kors tal-proceduri quddiem dina l-Qorti ma sarux sottomissjonijiet mill-konvenuti, la orali u anqas skritti;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta’ l-attur kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi l-attur ma rnexxilux

jipprova illi, meta gie kommess l-ispoll in kwestjoni, fil-fond imsemmi fl-att ta' citazzjoni kien hemm l-oggetti illi qed jippretendi illi kien hemm l-istess attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu tal-kawza odjerna gie trattat fis-sentenza appellata fit-termini segwenti:
"Il-fatt li l-konvenuti llum ma ghandhom[x] il-hwejjeg f'idejhom jista' jfisser li, jekk ma jistghux jergghu jakkwistaw il-hwejjeg biex irodduhom lill-attur, ikollhom ihallsu daqskemm jiswew, skond it-tieni talba ta' l-attur. Il-konvenuti, izda, qeghdin ighidu li qatt ma kellhom dawn il-hwejjeg f'idejhom ghax dawn il-hwejjeg ma kinux fost il-hwejjeg ta' Lawrence Schembri fil-fond ta' Triq San Vincenz, Tas-Sliema.
"Naturalment, jekk il-hwejjeg li jrid l-attur ma kinux fil-fond fejn sar l-ispoll, ma jistghux jitqiesu li huma parti mill-meritu ta' din il-kawza, ghax is-sentenza tat-19 ta' Lulju 1993 tikkundanna lill-konvenuti jroddu biss il-hwejjeg li kien hemm f'dak il-fond meta sar l-ispoll. Prova li l-hwejjeg kienu fil-fond meta sar l-ispoll irid iressaqha l-attur.
"Wara li rat ix-xhieda kemm fil-process tallum kif ukoll dawk fil-process tac-citazzjoni 1049/89, il-qorti hija tal-fehma li lill-attur ma sehhlux li juri li l-hwejjeg imsemmija fil-lista esibita mac-citazzjoni kienu fil-fond ta' Triq San Vincenz, Tas-Sliema, meta sar l-ispoll. Fin-nuqqas ta' din il-prova, it-talbiet ta' l-attur ma jistghux jintlaqghu."

Ikkunsidrat:

Illi anke dina l-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza odjerna u tal-kawza fl-ismijiet "Mario Baldacchino noe. vs. Victor Schembri" (Cit. Nru. 1049/89) u, wara illi ghamlet dan l-ezami, waslet ghal konkluzjoni opposta ghal dik illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti, u dana peress illi rrizultalha illi l-attur irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon taghha illi, meta gie kommess l-ispoll in kwestjoni, fil-fond illi gie sgassat minn Victor Schembri, awtur tal-konvenuti odjerni, u mill-konvenut Mark Schembri, kien hemm l-oggetti elenkati fid-dokument "A", esibit ma' l-att ta' citazzjoni

odjern (fol. 14 sa 18). Hija waslet ghal din il-konkluzjoni mhux biss ghaliex fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, akkompanjanti l-att ta' citazzjoni odjern, l-attur ikkonferma (fol. 3) illi l-oggetti elenkati fid-dokument"A" kienu fil-pussess tieghu fil-fond numru 111, St. Vincent Street, Sliema u illi, sussegwentement, dawn l-oggetti tnehhew minn dan il-fond mill-imsemmi Victor Schembri, izda wkoll ghaliex, anke fil-provi prodotti mill-konvenuti fil-kawza odjerna, hemm indizji cari illi meta gie kommess l-ispoll fil-fond in kwestjoni kien hemm dawn l-oggetti. Infatti, fil-paragrafu enumerat sitta (6) tad-dikjarazzjoni akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti, guramentata mill-konvenut Alfred Schembri, jinghad hekk (fol. 35):

"Illi … Lawrence Schembri halla biss arlogg tal-hajt …"

Fost l-oggetti elenkati fl-imsemmi dokument "A" hemm wiehed deskritt bhala:

"Mohagony hanging wall clock" (fol. 16);

Inoltre, waqt illi l-konvenut Mark Schembri - illi jammetti illi kien prezenti meta sar l-ispoll in kwestjoni - kien qed jigi kontroezaminat mill-abili deifensur ta' l-attur, fl-udjenza tal-hamsa (5) ta' Frar, 1998, dwar il-kontenut tal-fond numru 111, St. Vincent Street, Sliema, xehed is-segwenti (fol. 126):

"Affarijiet kien hemm <u>hafna</u> hemm gew" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

u aktar (fol. 127):

"… Qed nara din il-lista [Dok. "A"], naf li per kazu meta konna nidhlu kien hemm 'sitting room', kien hemm xi affarijiet antiki u hekk, per kazu int u tiela' t-tarag kien hemm xi ornamenti … Naf li kien hemm affarijiet, imma ma nafx x'naqbad nispjegahom, ma nafx x'inhuma dawn l-affarijiet jiena …";

u izjed (fol. 128):

"<u>Kien hemm inkwadri antiki u mobilja antika</u> …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, jirrizulta illi l-aggravju in ezami ta’ l-attur appellant huwa fondat u illi, konsegwentement, t-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu akkolti;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) talba attrici taqra hekk:
“illi fin-nuqqas [illi jigi esegwit dak ordnat b’akkoljiment ta’ l-ewwel talba] tikkundanna lill-istess konvenuti solidament bejniethom biex ihallsu l-valur tal-oggetti fuq imsemmija, li ghandu jigi stabilit jekk ikun il-kaz b’opera ta’ periti nominandi.”

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-unika prova illi tressqet dwar il-valur ta’ l-oggetti elenkati fid-dokument “A” tikkonsisti fil-valutazzjoni fl-ammonta ta’ tmien mija u hmistax-il lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm815.84) maghmula *ex lege* u *ex officio* mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-finijiet tal-komputazzjoni tat-taxxa tas-successjoni fuq l-assi ereditarji ta’ l-imsemmi Lawrence Schembri (fol. 59). Inoltre, ma jirrizultax illi l-attur insista ghan-nomina ta’ *periti nominandi* imsemmija fit-tieni talba tieghu;

F’dan l-istat ta’ provi, dina l-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief illi tistabilixxi l-valur ta’ l-oggetti in kwestjoni fl-ammont ta’ tmien mija u sittax-il lira (Lm816);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata tad-dsatax (19) ta’ Frar, 1999 kif gej:
(1) tirrevokaha kwantu cahdet it-talbiet ta’ l-attur appellant u kwantu ordnat illi l-ispejjes gudizzjarji jhallashom l-attur, hlief dawk tal-kontro-talba ta’ Alfred Schembri;
(2) tikkonfermaha ghall-kumplament;
(3) tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici b’dan illi, kwantu ghall-ewwel (1) talba, tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta’ gimgha mil-lum u, kwantu ghat-tieni (2) talba, billi, f’kaz illi l-konvenuti jonqsu illi jaghmlu dak illi gew kundannati jaghmlu dwar l-ewwel

(1) talba, tikkundannhom solidament bejniethom sabiex ihallsu s-somma ta' tmien mija u sittax-il lira (Lm816) lill-attur appellant;  u
(4)  tordna illi l-ispejjes kollha ta' l-ewwel (1) istanza konnessi ma' l-azzjoni attrici jigu sopportati mill-konvenuti appellati.

Finalment, tordna illi l-ispejjes kollha ta' din l-istanza jigu sopportati mill-konvenuti appellati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------